


San Guzepp minn Kopertino ta'  16 ta' Settembru



Giuseppe Maria Desa twieled fis-17 ta' Gunju 1603 gewwa Kopertino (Lecce) gewwa stalla. Missieru kien jahdem fis-sengha ta' mastrudaxxa u miet qabel ma twieled it-tifel. Warajh halla hafna dejn u l-kredituri tefghu lil povra omm barra minn darha. Sabet kenn gewwa stalla u hawn wieledet lil binha Guzeppi. Meta kiber huwa xtaq jidhol patri izda l-ordnijiet kollha irrifjutawh ghax ma kellux skola. Dan ma kienx tort tieghu minhabba li kellu jabbanduna l-iskola ghax marad u kien fqir. Fl-ahhar gie accettat fl-ordni tal-Kappucini u wara sena baghtuh 'l barra ghax ma kien kapaci ghal xejn. Dahal membru terzjarju fil-kunvent ta' Grotella u fl-ahhar irnexxielu jkun ikkonsagrat sacerdot. Kien bniedem ta' talb u penitenza u malajr xerrduhielu li dan il-patri kien bniedem qaddis. Kien spiss jinqata' f'estasi u jintrefa' mill-art. Minhabba dan l-awtorita' tal-knisja

kienet tittrasferih minn kunvent ghal iehor sa ma fl-ahhar waqaf fil-kunvent ta' San Frangisk gewwa Osimo. Kien jaghti pariri lil diversi klassi ta' nies fosthom teologi. I-tbatija dejjem kienet tigri warajh u hu kien jaf jsofri kollox bl-akbar semplicita' u minghajr tgergir. Miet meta kellu 60 sena fit-18 ta' Settembru. Kien ibbejatifikat fl-24 ta' Frar mill-Papa Benedittu XIV u proklamat qaddis fis-16 ta' Lulju 1767 mill-Papa Klement XIII. Huwa qaddis protettur ta' l-istudenti.